MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 11/2007

Maltacom plc [C 22334]

vs

Anthony Gauci

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

“Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ erba’ mija u wiehed liri maltin u dsatax il-centezmi [Lm401.01] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21578190 [A/C no. 10204307) skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma’ l-ispejjez, l-imghaxijiet u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali mibghuta f’Jannar 2007, u tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi, la deher u lanqas ipprezenta risposta;

Fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2007, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu;

Fl-udjenza wkoll tad-9 ta' Ottubru 2007, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tal-attur hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut Anthony Gauci sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed liri Maltin u dsatax il-centezmi [Lm401.19] ekwivalenti ghal disa' mija u erba' u tletin Euros u tnejn u hamsin centesimi [Euros 934.52], ammont dovut bhala hlas li l-konvenut halla pendenti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21578190 [A/C no. 10204307), bl-imghax legali b'effett mis-16 ta' Jannar 2003 sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi tal-ittra ufficjali tal-31 ta'  Jannar 2007, [Ittra numru 66/2007], kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------